**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Diċembru 2020**

Rikors Numru: 171/20 AL

A B

vs

C B

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-esponenti żżewġu fid-29 ta' Ġunju tas-sena 1979, u minn dan iż-żwieġ kellhom tifla li llum hija maġġorenni (Dok A)

2. Illi l-partijiet ilhom separati permezz ta' kuntratt in atti Dr. Elena Farrugia mil-5 ta' Ġunju tas-sena 2003 (Dok B)

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li minħabba illi ilhom separati minn xulxin għal aktar minn sittax (16)-il sena, llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;

5. Illi għalhekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-liġi.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar id-29 ta' Ġunju tas-sena 1979 jiġi maħlul u dikjarat bħala xolt;

2. Tordna li d-digriet ta' din il-Qorti jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan il-ħall taż-żwieġ jiġi debitament reġistrat skont il-liġi; u

3. Tagħti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li gew esebiti

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Gunju, 2020;

Rat ir-risposta li ġiet ikkonfermata bil-ġuramentata mill-intimata a fol 12 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi hija tikkonferma u tiddikjara illi taqbel mal-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2020;

2. Illi għaldaqstant l-intimata tiddikjara illi hija ma għandha l-ebda oġġezzjoni sabiex din il-qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti sabiex iż-żwieġ tagħhom jiġi xolt permezz tad-divorzju;

3. Illi in oltre, l-intimata tiddikjara illi in konsegwenza tal-pronunzjament tad-divorzju, hija tixtieq tipprevalixxi ruħha mid-dritt konċess lilha illi tirriverti għal kunjom xbubitha, ossia X, u għaldaqstant din il-Qorti għandha ukoll tawtorizza lill-intimata tirreverti għal kunjom xbubitha kif dikjarat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi l-intimata talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia X, il-Qorti fl-ewwel lok tilqa` din it-talba u tordna n-notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega.

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Gunju, 2003;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll it-talba tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` X ġiet milqugħa mill-Qorti, għalhekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-provedimenti kollha mehtiega f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.